GHELUQ L-10 ANNIVERSARJU

# A.D. 1961 - 1971




## Konsagrazzjoni tal-Kazin



Dehra tal-Kazin 12th MAY BAND & SOCIAL CLUB, fejn il-membri jsibu ruhhom bhal ahwa.

Ghal din l-okkazjoni il-Kazin gie misbugh minn membri dilettanti.



# Diskors tal-President

J. A. ATTARD

F'din l-okkazjoni memorabbli meta l-membri ta' dan il-kazin qed jinghaqdu flimkien spiritwalment biex jirringrazzjaw lill-Hanin Alla li waqaf maghhom ma tul is-snin difficli tal-konsoladizjoni tal-Kazin, u biex jikkonsagraw il-post tat-thabrik taghhom lill-Qlub Imqaddsa, ma nistax ma niftakarx fiz-zmien meta il-fundaturi ta' dan il-Kazin ma kienux hlief gemgha ta' habrieka antiki tal-festi tradizzjonali ta' rahal twelidna. Gemgha ta' habrieka li forsi kienet zghira fin-numru imma kbira daqs kemm kien kbir is-sagrificcju li kull wiehed kien jaghmel. Kienet soda daqs kemm kienet soda d-determinazzjoni ta' dak li kien imexxihom.

Hadd f'sensih ma kellu qatt jghaddilu minn mohhu li nies bhal dawn ghanhom jigu mwarbba. Hadd b'rasu flokha ma kellu johlom li hegga u dedikazzjoni bhal ta' dawn setghet b'xi mod tinqered.

Jiena dan rajtu mill-bidu ghax fhimt li fi zmien meta dix-xorta ta' nies kull ma mmorru qed jonqsu, dawn il-habrieka wiehed kellu jiehu hsiebhom. Iz-zmien wera li kelli ragun. Il-Kazin taghna kiber, issahhah u ghandu futur mill-isbah. Mghandix l-icken dubju li ma ghadx niksbu successi akbar, jekk inkomplu mixjin kif bdejna – motivati mill-imhabba.

## King Henry VIII
## Scotch Whisky



*Sole Agents*

S. MUSCAT & SONS
17, 43, 44, MDINA ROAD, QORMI
DIAL 26334



ID-DITTA **"BEEHIVE"**

*ghandha il-Pjacir tgharraf il-Klijenti*
*taghha li taghmel xoghol ta'*

Tigijiet - Maghmudijiet etc.

**Waslet il-Festa ta'**

**SAN FILEP**

*ghalhekk id-Ditta* BEEHIVE
*toffri kull xorta ta'*

**QUBBAJT**

*Mela tinsewx:-*

**BEEHIVE Confectionery**
**Ebona Street, Zebbug - Malta**



## "Imbid tal-marka NIGRET"

**ghall-Imbejjed Specjali u ta' l-Ifjen Kwalita**

**s t a q s u**

ghall-Imbid tal-marka 'NIGRET'
tar-RABAT

**S. Borg Owner of Nigret Wines**
**Guaranteed & Genuine Wine**

**Free from all Chemicals and Produced from the Vineyards in the Limits of Mgarr - Malta**

## ask for: NIGRET WINE



IL–KELMA TAS–SEGRETARJU *Philip Zammit*

Sinjuri,

F'din l'okkazjoni tal–Konsagrazzjoni tal–Kazin lil Qalb Ta' Gesu' u 'l Qalb bla tebgha ta' Marija, fl-ghaxar Anniversarju mit–twaqqif tal–Ghaqda taghna, messni x–xorti li f'kelmtejn nuri l–kobor tal–kazin tal–Banda 12th MAY fejn ghal dawn l–ahhar sebgha snin okkupajt il–kariga ta' Segretarju.

Bi hsieb ghaqli, u b'sagrificcju personali, il–mejjet u qatt minsi FUNDATUR, is–Sur FILIPPU GRECH bena dan il–kazin fl–1961, fejn l–iskop principali tieghu ma kienx hag'ohra hlief li jara dejjem tikber il–festa ta' San Filep, li din kienet l–ghaxqa ta' qalbu u l'uniku delizzju tieghu. Fi zmien qasir ta' sentejn u nofs li dam 'maghna Filippu, lili kont tarani dejjem f'xi rokna tal–kazin nitkellem mieghu fuq l–attivitajiet tal–kazin u tal–festa, fejn jiena xrobt it–taghlim tieghu dwar dawn attivitajiet. Bil–hidma zelanti tieghu, tas–Surmast u tal-Asst. Surmast f'dan iz-zmien tassew qasir iffurmajna l-Banda fil-bidu tas-sena 1962, fejn il-lum bi pjacir tieghi u tal-membri kollha l-banda ghandha numru sabih ta' bandisti. Il-banda hija fornuta bi pjancier komplit, strumenti ghal kull bandist u anki brieret, sett stendarti mehjuta u mpittra mis-Sinjuri John Gauci u Leone Chircop, u legiju mahdum mis–Sur Rikkardo Camilleri. Ghal din l-okkazjoni sejra tizzanzan bandalora iddisinjata mis–Sur Philip Chircop, irrakkmatha mis–Sinjorina Pizzuto u l–krucetta u l-pumi mahdumin mis-Sur Carmelo Zammit. Din il–bandalora giet migbura mill-ammiraturi tal–kazin. Barra milli tiehu sehem fil–festa ta' San Filep, il–banda, bhal baned l-ohra ta' Malta taghmel programmi barra mir–rahal taghna. Xejn inqas mill bandisti, id-delettanti tan-nar, issibhom is-sena kollha issagrifikati b'xoghol kontinwu biex ikabbru l–festa. Il-Kazin ihaddan fi hdanu liz-Zebbug Dramatic Co. li taht it-tmexxija tas-Sur Joseph Micallef irnexxielhom jirbhu l–ewwel premju fil–konkors li kien sar fis–sala parrokkjali tar–Rahal taghna fis–sena 1966. Kif twaqqaf il-kazin, dan ha l–inizzjattiva biex Sciortino Street tigi mzejjna kif jixraq. B'hidma ghaqlija u kontinwa tal–kumitat u l–membri, f'dawn l–ghaxar snin, il-kazin sar jikkompeti ma kazini ohra f'Malta li huma hafna ixjen minnu. Naghlaq, billi nheggeg lil-Kumitat tieghi u lill–Membri kollha biex ma nghejjew qatt u nibqghu maghquda kif ahna biex nissahhu aktar; ma ninsewx li fil-ghaqda biss hemm is-sahha.

Issa minn qiegh qalbi, nawgura l-isbah xewqat lil dawk kollha li ghandom ghal qalbhom il-kazin u l-festa u li dejjem ghenuna bil-hidma taghhom biex wasalna ghal–ghan sabieh taghna. Nappella lil–poplu kollu Zebbugi, biex jibqa' jimxi id f'id maghna, biex bil–kwiet u bil-paci nkomplu nkabbru dejjem izjed il-festa tal–Padrun taghna San Filep,

# FRANK ZAMPA

## Jewellery

*Dealers In:-*

**Precious Stones**

**Silver, E.P.N.S.**

**Matches & Crystals Art**

**etc.**

**Don't Forget The Name**

FRANK ZAMPA

of

37, St. Lucia Street, VALLETTA

or

31a, Old Treasury, Street, VALLETTA

Dial 27654

# IL-KUMITAT 1970 / 1972



President Onorarju:-
**Is-Sur Pio Grech**

President:-
**Joseph A. Attard**

Vici President:-
**Joseph Micallef**

Segretarju:-
**Philip Zammit**

Kaxxier:-
**Carmelo Debono**

Ass. / Segretarju:-
**Philip Chircop**

Ass. / Kaxxier:-
**John M. Zammit**

Membri:-

**Alfred Ph Caruana**
**Anthony Chircop**

**Roque Caruana**
**Leone Chircop**

**Emm. Chircop**

Direttur tal-Banda:-
**Mro Amante Attard A. Mus. L.C.M.**

Deligati tal-Banda:-
**Pacifico Vella John Ciantar**

Arkivista:-
**Carlo Said**

Kappillan:-
**Rev. Fr. Carmelo Grech B.A., Lic.D.**

Legal Advisor:-
**Dr. Alb. Borg Olivier De. Puget LL.D M.P.**

Revizuri tal-Kazin:-
**Pacifico Vella John Galea**

# Messrs Grech & Zammit

ta'

## 7 - 8 Church Wharf

## M a r s a

**Jaghmlu kull xorta ta'**

**xoghlijiet tal-Injam**

**bhall - GHAMARA**

**u**

**APERTURA**

*Tinsewx*

MESSRS GRECH & ZAMMIT

Tel. 27308



# IL-HAJJA TAS-SUR FILIPPU GRECH

*(Taghrif fil-Qosor)*

Is-Sur Filippu Grech, bin Piju Grech u Guzeppa nee Agius, twieled f'Haz-Zebbug, fil-15 ta' Marzu 1908 Fi tfulitu kont dejjem issibu fil-Knisja: issa jghin il-quddies, issa jaghmel servizz ta' abbati, u matul il-gurnata jghin lis-sagristani.

Ta' 14 il sena dahal apprendista fid-Dockyard fejn aktar tard huwa sar 'chargemen'. Matul dan iz-zmien, Filippu ma naqasx li juri l-imhabba tieghu lejn il-Knisja u lejn il-Festa ta' San Filippu. Xhieda ta' din l-imhabba, huma fost affarijiet ohra, id-disinn tal-bandalori tal-Pjazza u d-disinn tal-fanali bis-simboli tal-Passjoni li jintuzaw fil-Processjoni tal-Gimgha l-Kbira.

Fil-15 ta' Novembru 1931 huwa naghqad bis-sagrament taz-zwieg mas-Sinjorina Ludgarda Debono. Huma kellhom hames itfal: Pio, Joseph, Miriam, Philip u Evelyn, illum kollha mizzewgin.

Fil-bidu tal-Gwerra 1939/45, huwa hareg mid-Dockyard u beda jahdem bhala kuntrattur fl-ajruport. Wara l-gwerra huwa kompla f'din il-karriera gdida tieghu.

Fost xoghlijiet li gew fdati f'idejh insibu: il-bini tat-Training College f'tal-Virtu, is-St. Joseph High School u l-flats tal-Arcisqof fil-Blata-l-Bajda, il-Flats ta' Hal Qormi u hafna xoghlijiet ohra mxerrda ma' Malta kollha. Fuq ix-xoghol huwa rnexxielu jzomm relazzjonijiet hekk tajba mal-haddiema li kellu mieghu li rari kont issib lil xi hadd igerger kontra tieghu. Anzi fil-kotra kbira taghhom ghadhom ifahhruh sal-lum.

Anke f'dan iz-zmien, Filippu hadem kemm felah biex isebbah lill-Knisja u jkabbar il-festa. Kien bl-inizzjativa tieghu li nzebghu l-Knisja u l-armar tal-festa u li beda u tkompla x-xoghol tal-iskultura fin-navi. Biex jilhaq dawn l-ghanijiet tieghu ma kien isibha bi kbira xejn li, mbarra li jkun minn ta' l-ewwel li jaghti l-kontribuzzjoni tieghu, imur jiggerra mat-toroq tar-rahal biex jigbor u jaghmel il-lotterijiet b'risq il-festa.

Il-granet tal-Festa ghalieh kienu jkunu granet ta' xoghol bla waqfien. F'dawn il-granet kien jahdem hu u jhaddem lil dawk kollha li jingabru madwaru.

Il-mewt tieghu, fis-17 ta' Marzu 1964, hasdet u halliet jibkuh, mhux biss lill-familja tieghu li huwa rabba b'tant ghozza, izda wkoll lil dawk kollha li minn ghandu kienu tghallmu l-imhabba lejn il-Knisja u l-Festa.

Ghalkemm Filippu mghadux maghna, l-ispirtu tieghu ghadu fostna. Dan jidher fil-hegga li qed tkebbes il-qalb ta' dawk kollha li llum qed ikomplu jahdmu biex il-Festa tal-Padrun taghna San Filippu tkompli tikber u tisbieh.

**Petrel Confectionery**

by

Messrs CACHIA

Gate Avenue - Zebbug

Specializes In Nougat
For Export & Local Market.

Caterers For Weddings & Baptisms
Etc.

Dial:- 21563 or 40919

*Ask for:-*

**Petrel Confectionery**

**of**

**Zebbug - Malta.**

**CORA**

| | |
|---|---|
| Vermouth Bianco | Americano Cora |
| Vermouth Rosso | Asti Spumante |
| Amaro Cora | Fernet Cora |
| Marsala Uovo | |

Produce of ITALY

*Sole Agents:-*

**S. Muscat & Sons**

17, 43, 44, Mdina Rd., QORMI Dial 26334

# DORMY

## Blankets

*Sole Distributors:-*

**Galea Fu Filippo**

**28, Merchants Street,**

**Valletta.**

**Tel 25165**



# Diskors tal-Kappillan

DUN CARM GRECH

D.D. B.A. B.L. Can.

Mahbubin Membri,

L-akbar Imhabba li bhala Insara nistghu inkebbsu fi qlubna lejn il-Padrun taghna S. Filep, hi li nersqu Lejh u nsiru dejjem izjed nixbhuh fil-hajja tieghu.

Minn fost il-hafna Virtujiet tieghu, naghzlu tlieta li jidhru mill-aktar qawwija fil-hajja tieghu:-

a) S. Filep wettaq fih is-sejha tieghu minn Alla – halla l-genituri, il-pajjizu, sar sacerdot u mar jaghti hajtu fix-xoghol li talbu il-Mulej Alla.
Ahna wliedu, fuq l-ezempju tieghu, infittxu li nwettqu dmirijietna skond is-sejha li Alla ghamlilna, fl-istat taghna, fi hadn il-familja, fil-Parrocca, fis-socjeta.

b) S. Filep ghadda hajtu kollha, jikkumbatti lid-Demonju, jirbahlu l-bnedmin, iwellidhom fi Kristu, ikisser is-saltna tax-Xitan u jwaqqaf minn flokha, is-Saltna helwa ta' Kristu, Feddej tal-bnedmin.
Ahna wliedu fuq l-ezempju tieghu, maghqudin ma Kristu u ma' S. Filep, nikkumbattu hajjitna kollha lix-Xitan inzommuh il-boghod minn ruhna u naghmlu minn qalbna ghamara xierqa ta Kristu Sidna u ta Marija Ommna.

c) S. Filep hadem bla gheda biex ghaqqad il-poplu gdid t'Alla U GHAMEL MINNHOM ILKOLL "ruh wahda qalb wahda" maghqudin fl-Imhabba ma' Kristu u bejniethom.
Ahna wliedu, fuq l-ezempju ta' S. Filep u bil-ghajnuna tieghu, bhala membri tal-Kazin tieghu, nahdmu bhalu u mieghu, biex ingibu dejjem l-ghaqda fl-istess Imhabba ta' Kristu u nibqghu nahdmu ghall din il-ghaqda qaddisa sakemm iz-Zebbugin, kollha isiru lkoll AHWA fi Kristu, kif hi ix-xewqa ta' S. Filep u kif inkantawlu:

O Misier mahbub Filippu
dejjem maghna kun hanin;
zomm il-ghaqda, zomm l-Imhabba
gewwa qlub iz-Zebbugin.

NEW TOYOTA
COROLLA 1200

# A new kind of excitement!




# Runs as good as it looks!

**SOLE AGENTS**

## debono

Rohan Arch Zebbug Telephone 27388

# Diskors

# Fuq il=Festa ta' SAN FILEP



MINN

Ph. Chircop

Ass. Segretarju

12th May Band

Hbieb,

Ghaxar snin ilu, il-mibki u qatt minsi, is-Sur FILIPPU GRECH, FUNDATUR tal-ghaqda taghna, kien ta' bidu biex twaqqaf it-12th MAY BAND & SOCIAL CLUB, li ghandna l-unur nghidu li ahna membri tieghu. X'kien il-hsieb li ghalih inbena dan il-kazin jafuh iz-Zebbugin kollha: jigifieri, biex il-festa ta' San Filep, li qieghda fil-fond tal-qalb ta' kull wiehed minna ma tkomplix tigi fix-xejn, imma ghal-kuntrarju terga' tqum u tiehu l-libsa tal-kburija bhal qabel, bhalma nafuha fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra.

Hbieb, nistghu nghidu, li dan il-ghan gie milhuq? Il-fatti jixhdu, u bla xejn dubju jew tlaqlieq nistghu nghidu IVA, ghax fil-ftit snin li ilu jezisti l-kazin taghna, il-festa rgajna tajniha l-hajja. B'dana kollu ma nkunux kuntenti b'dak li bil-ghajnuna t'Alla ghamilna s'issa, imma nitfghu harsitna aktar il-quddiem fiducjuzi li taht il-harsien tal-Missier taghna San Filep, b'rieda zonqrija nkomplu nikbru, nissahhu u nkebbsu f' qalb ic-ckejknin taghna mhabba sinciera lejn il-Padrun taghna, biex ghada pitghada, dawn, wara li jkunu thalltu maghna, jew forsi hadu postna, jkunu jistghu ikantawlu:

FINA NISSLU MHABBA KBIRA,
GHALIK QLUBNA XEGHLA NAR:
B'WIRT HALLEWLNA R-RABTA M'ISMEK,
RABTA B'HOLOQ TA' L-AZZAR.

# Carmelo Cachia

**General Merchant**

"ANTONIA HSE"

L. PISANI STREET, ZEBBUG

*Ghandu Xogholijiet ta':-*

Zraben ta' Kull Kwalita u Daqs

Kutri u Lozor (Withney)

u

Affarijiet ohra ta' htiega ghall-Familja

*Tinsewx:-*

**Carmelo Cachia**

ta'

Antonia Hse.

L. Pisani Str., ZEBBUG



# Tiswija u Bejgh ta' ARLOGGI

**Irrikorru Ghand**

# Johnnie Gatt

wara l-Ghassa

jigifieri

Hdejn il-Berga

ta'

Haz-Zebbug





# Novelty Hall Zebbug

FOR

**WEDDINGS, DANCES**

**PARTIES**

Apply:-

Carter:-

Gate Avenue

ZEBBUG

Dial 43923



Il-Bandalora l-Gdida

# SINGER









## STANDARTI



Mix-xellug ghall-lemin:-
Union Jack: Gie rregalat mill-kummissarju Gholi Ingliz fl-1966
B'arma ta' San Filep. Gie migbur mill-ammiraturi tal-Kazin, mehjut mis-Sur John Gauci u pittura tas-sur L. Chircop.
Tal-Papa: Gie migbur mill-ammiraturi tal-Kazin fl-1964.
Tal-Banda (ahmar): L-ewwel standard li zzanzan meta saret l-apertura tal-Kazin fit-22 ta' Ottubru, 1961. Xoghol is-Sinjuri John Gauci u Leone Chircop.
Malti: Dan gie mzanzan u migbur flimkien ma tal-Papa; 1964.
L-arma ta' Haz-Zebbug (blu): B'inizjattiva tas-Sur Eman. Chircop bis-sold fil-gimgha tal-membri. Hjata tas-sur John Gauci u pittura tas-sur Leone Chircop.
Amerikan: Dan gie regalat mis-Sur Tito Cassar ta' Detroit fl-1966.

## BANDA FIL-BELT



Ghall-okkazjoni tal-Festi Nazzjonali 1967, il-banda 12th May giet mistiedna biex tirrapprezenta lil-M.B.C.A. fil-Belt Valletta fid-9 ta' Shttembru, 1967.



Surmast Attard



Major, Surmast A. Aquilina

## PROGRAMM TAL-BANDA

**Li se Jindaqq mill-Banda 12th May**

*GHAL DIN L-OKKAZJONI*

Taht id-Direzzjoni tas-Surmast taghna A. Attard R.Mus. L.C.M.

| | | |
|---|---|---|
| Innu Pontificju | | *C. Gonoud* |
| Orpheus in The Underworld | *Sinfonija* | *J. Offenbach* |
| La Bohème | *Fantasija* | *G. Puccini* |
| L'Amico Fritz | *Intermezz* | *P. Mascagni* |
| William Ratcliff | *Sogno* | *P. Mascagni* |
| Innu tal-Banda | | *A. Attard, A. Mus. L.C.M.* |

INNU MALTI

Il-Kumitat

## ★ PROGRAMM ★

**Tal-Festi tal-Konsagrazzjoni tal-Kazin lil Qalb Imqaddsa ta' Gesu u ta' Marija**

**F'Gheluq L-X Snin mit-Twaqqif Tieghu**

Il-Hamis 29 ta' April, 1971 fis-7.30 p.m: Preparazzjoni ghall Konsagrazzjoni tal-Kazin lill Qalb Imqaddsa ta' Gesù u ta' Marija mill-Kappillan tal-Kazin ir-Rev. Carmelo Grech, D.D., B.A. B.L. Can.

Il-Gimgha 30 ta' April, 1971 fis-7.30 p.m: Spjega tal-Konsagrazzjoni mill Kanonku ta' San Pawl tal-Belt Valletta, ir-Rev. Dun Gwann Borg.

Is-Sibt 1 ta' Mejju, mis-7.00 il-quddiem Qrar ghall-membri kollha. Ghal kumdita tal-membri ikun hemm konfessuri barranin.

Il-Hadd 2 ta' Mejju, 1971: Fl'10.00 a.m. Quddiesa fil-kazin, Tqarbina Generali u Konsagrazzjoni tal-Kazin mill Ecellenza tieghu Rev Mons. Isqof Koadjatur Emanuel Gerada D.D. Lic.D. J.C.D. (Greg)

Il-President jaqra l'Att tal-Konsagrazzjoni w is-Segretarju jaghmel diskors ta' ringrazzjament.

Fl-12.00 Il-Wisq Rev. Arcipriet, Dun Lawrenz Cachia B.A. Lic D. jikxef lapida kommemorattiva li tigi mbierka mill-Kappilan tal-kazin Dun Carmelo Grech D.D., B.A., B.L. Can.

### FESTI TA BARRA

Il-Hadd 2 ta' Mejju, Mid-9.00 a.m. il-quddiem il-banda tal-Boys Scouts tal-Hamrun taghmel marci u Parati ma Sciortino Street.

Fis-6.00 p.m., il-BANDA 12tn MAY taghmel marc minn fuq z-zuntier tal-Knisja sa hdejn il-kazin u wara taghmel programm.

Fis-7.25 p.m. jasal l'Eccellenza tieghu Mons Arcisqof, Sir Michael Gonzi, D.D., B. Lit., B.L. Can., J.C.D., (Greg), LL.D. (Hon. Causa), K.B.E., Bali O.S.J. Kommendatur tal-Ordni tas-S. Sepulkru. Kav. tal-Ordni ta' S. Rajmond de Penafort.

Fis-7.30 p.m. jasal il-Gvernatur Generali Sir Maurice Dorman, G.C.M.G., G.C.V.O., Hon. LL.D., D.C.L. (Durham), M.A.

Wara, il-Banda 12th MAY tibda l-programm.

Fl'interval il-President tal-Kazin, is-Sur Joseph Attard jaghmel diskors ta' okkazjoni.

Wara d-diskors tigi mbierka Bandalora gdida mill-Eccelenza tieghu Mons. Arcisqof, u wara tigi pprezentata mill-Eccellenza tieghu l-Gvernatur Generali.

Wara dan, il-President Onorarju, is-Sur Piju Grech jikxef pittura ta' missieru is-Sur Filippu Grech, il-FUNDATUR tal-kazin, mahdum mil-Pittur is-Sur Leone Chircop.

Il-Banda tkompli l-programm.

Ghal din l-okkazjoni, Sciortino Street, tigi mzejjna mill-membri tal-kazin u mdawwla mis-Sur Salvino Magro.

Il-festi jaghlqu bil-loghob tan-nar mahdum mid-dilettanti ta' l-istess kazin.

**P. CARABOTT**
17, Merchants Street, Valletta. Telephone 26205

**Sole Agents For**

**Boossey & Hawkes**
BAND INSTRUMENTS
London

7up

Authorised Bottlers

**Portanier Brothers Ltd.**

HAMRUN

**Torino Vermouth**

Flli. Ferrero di Ricardo

TORINO

**Est. 1861**

*Imported by*

**Messrs**

**John Bondin**

BISHOP CARUANA STREET

ZEBBUG - MALTA

# T.V. LOEWE OPTA T.V.

**The Only Set**

**Sole Agent**

## CONSIGLO D'AMATO

**Western Radio Service**

**HAMRUN**

**DIAL 28356**



## Legiju tas-Surmast

B'inizjattiva tas-Sur Richard Camilleri meghjun minn xi membri u fuq disinn tas-Sur Philip Chircop, sar dan il-Legiju fl-1968.

## Centru

Dan ic-centru antik inxtara mill Fundatur, is-Sur Filippu Grech, minghand is-sinjorina Maria Gatt, u gie rregalat lill-Kazin.






AUTHORIZED BOTTLERS: **THE GENERAL SOFT DRINKS COMPANY LTD.,** MDINA ROAD, QORMI, TEL: 24791

---

**LION BRAND**

**FINEST PURE TEA**

GHALL-FAMILJA UZAW

**TE' TA' LJUN**

TAL-UZIN

Jigi Hafna Irhas,
Minn kull xorta ta Tea Bags f'Malta.

Ghall-Ufficini l-aqwa Tea Bags
f'Malta huma ta

LJUN

**Tinsewx: Te Ta' Ljun**

**Il-Handy Pack ta 18 jiswa 2 Punti**

## FTUH UFFICJALI TAL-KAZIN



Wara li l-Fundatur bena l-Kazin, gie ffurmat l-ewwel Kumitat b'numru sabih ta' soci. Dan il-Kazin infetah ufficjalment fit-22 ta' Ottubru, 1961. Giet mistiedna l-Banda Pinto, fejn ghamlet marc u programm. F'dan ir-ritratt jidher il-Perit Mortimer jipprezenta l ewwel stendard tal-Banda lill-president. Wara sar it-tberik tal-istendard mill-ex Arcipriet Dun Lawrenz Zammit, B.A., Lic. D.

## O P R I G O D D A

A Il-Kumitat ha hsieb jaghmel tifkira tal-Fundatur, billi qabbad lill-pittur Leone Chircop jaghmel pittura tieghu li ser tinkixef mill-President Onorarju s-Sur Pio Grech, iben il-Fundatur.

B Ghal din l-okkazjoni, bit-thabrik ta' xi membri ser jizzanznu tmien siggijiet tal-kewba li gew mghaqqdin mis-Sur Anthony Micallef u illustrati mill-ahwa Salvu u Joseph Dimech. It-tapezzerija saret mis-Sur Lawrence Psaila.

# REDIFFUSION

Is-sabar tal-mara tad-dar

Il-hena taz-zaghzagh

Is-surmast ta' min irid jitghallem

Il-gabra tal-familja

**DAHHAL IR-REDIFFUSION INT UKOLL**

**TKUN QED IDDAHHAL IL-KUNTENTIZZA F'DAREK**

ikteb, cempel jew mur

## Rediffusion House

Triq San Luqa,

Gwardamangia

Telephone: 25051



STATWA TA' SAN FILEP

B'inizjattiva tas-Sur Salvatore Zammit giet migbura din l-istatwa ta' San Filep xoghol is-Sur Wistin Camilleri tal-Belt, Victorja u dekorat biz-zebgha mill-pittur is-Sur Leone Chircop. Din l-istatwa tigi armata fuq pedistall f'Sciortino Street, fil-Festa ta' San Filep.

## INNU TAL - BANDA

Versi ta' Ph. Chircop

Muzika ta' Amante Attard

Zebbugin ersqu madwarna
F'dawn il-granet tant helwin,
Sabiex noffru lil FILIPPU
Qlub ta' veri Zebbugin.

Ej' nitolbu 'l-Missier taghna,
Jxerred fuqna barka w'sliem:
Taht il qawwa tad-driegh tieghu
Qatt u qatt ma jasal tmiem.

Gibu anke c-ckejknin taghkom
Ha ntellghuhom f'medda snin,
Biex l-imhabba lejn FILIPPU
minn go qlubhom qatt ma tnin.

# The Malta Vehicle
# a n d
# Plant Service Ltd.

**Mdina Road - ZEBBUG**

**Contractors to the Malta Government**
**and H.M. Services**

*For Good Services Rendered in:-*

1 Hiring of Earth Moving Equipment.

2 Second Hand Spare Parts and Vehicles Dealership

3 Soil Excavation

4 New Tyres, Batteries and Spare Parts

5 Petrol Stations

*Ask for:-*

The Malta Vehicle and Plant Service Ltd.

MDINA ROAD - Z E B B U G

D I A L 2 9 0 7 5

# IT-12TH MAY FIREWORKS FACTORY



Fl-1962 il-Fundatur bena l-kamra tan-nar spejjes tieghu personali; ghax ried li d-dilettanti tar-nar ikunu salvagwardati. Barra li kien ihobb in-nar fil-Festa, kien ukoll jemmen li festa bla nar mhix sabieha.



Parti mill-kwantita' kbira ta' nar tal-art li jsir kull sena mis-Sur Antonio Bugeja u shabu.



Dan parti min-nar li jafu jamghlu d-dilettanti tal-Kazin taghna taht id-direzzjoni tas-Sur Francis Farrugia.

# Joseph C. Cauci

H. N. C. (Lon) Ex. B. B.C T.V. Engineer

FOR GENERAL T.V. SERVICE

Aerial Instalation

T. V. Service of any Make

Maintenance of High Quality

Video and Audio

Equipment:-

We can fit Secondo T.V.
any type of AERIAL

TELONICS

NEW STREET IN GRACE STREET,
ZEBBUG

# Zebbug Bazaar

Scortino Street - Zebbug

• • • • • •

Photographic Goods and
Stationery Store

We Develop and Print All Kinds of
Black & White & Colour Films

NEXT DAY SERVICE

Photos Taken On All Occasions
Including WEDDINGS

Printing of All Sorts of Invitation Cards

# AUDI NSU Auto Union

THE CAR

A Head Through Technology
Performance (acceleration)
Comfort (Equipment, Roominess)
Safety (Braking Effectiveness, Safety Celldesign)

Test Drive This Car
at
BONNICI Brothers
Notabile Road,
Attard.

Tel. 42005

# Storja tal-Kazin fil-Qosor

## II

Wara hafna sforzi biex forsi terga tirrenja l-ghaqda fost l'ahwa Zebbugin, fl–1958, erba' membri mill–kazin San Filep kienu gabru 185 firmi biex issir laqgha generali u f'din il–laqgha jigi mitlub biex kullhadd jerga jigi accettat bhala membru fil–kazin San Filep;. Dawn il–membri baqghu bla risposta, ghax dawn il firem, milli jidher baqghu sejrin fil–waste paper basket. Ghalhekk gara, li dawn it–talin li kienu verament ihobbu minn qalbhom il–festa tal–Padrun taghna San Filep heggew hafna lill QATT MINSI Fundatur, is–Sur FILIPPU GRECH biex jahseb ghall kazin iehor ghax hadd ma seta' jahdem ghall festa minn barra t–trieq. Wara dan, Filippu akkwista sit biex jibni kazin u dar sabieha fejn illum jinsab dan il–kazin. Tant kien ghall qalbu dan il–kazin, li bnieh hafna qabel ma bena d–dar tieghu. Lil Filippu ta' spiss kont tisinghu jafda qalbu mall hbieb u jistaqsi, "Tahsbu li dan il–kazin li qed nibni ser ikun ta' gid". Intant dan il–kazin tlesta fil–bidu tal–1961, fi zmien l–ex Arcipriet Dun Lawrenz Zammit; u l–gid li sar jista' jarah kullmin ghandu ghajnejh f'wiccu, galadarba ma setax issir mod iehor.

Il–ftuh ufficjali ta' dan il–kazin sar fit–22 ta' Ottubru tal–1961 taht l–isem sabih ta' 12TH MAY BAND & SOCIAL CLUB fejn hadet sehem il-Banda Pinto, u zzanzan l-Istendart ufficjali tal-kazin impitter mis-Sur Leone Chircop bil-kumitat tieghu u b'numru ta xi 120 membru u li sal-lum jigbor fih il-fuq 300 membru. Fl'1962, dejjem bit-thabrik tal-kumitat u l-membri, giet iffurmata il–Banda 12TH MAY, li din kienet sorpriza ghal hafna mill poplu Zebbugi. Il-banda hadet sehem fil-festa ta' San Filep ta' l-istess sena. Fl-istess sena, f'Dicembru, il-banda harget taghmel marc fl-okkazjoni tac-centinarju tal-banda Pinto. Fis-sena 1963 habat ic-centinarju tal-istatwa ta' San Filep, u ghall din l-okkazjoni, il–banda ghamlet marc brijjuz u programm vokali u strumentali taht id-direzzjoni tas-Surmast taghna is-sur Amante Attard, A. Mus. LCM. fejn daqqet innu gdid lil–San Filep, musika tas-Surmast C. Brincat u versi ta' Philip Chircop fejn ha parti il–kor Cantate Domino taz–Zurrieq. F'din l–okkazjoni tac-centinarju, Mons. Arcisqof gie migbud fuq karrozzella minn Rohan Gate sal-kazin, u hekk saret l-ewwel zjara tieghu fil-kazin taghna, fost l-entuzjazmu kbir tal-poplu Zebbugi. F' Ottubru ta' l-1963, wara li l-Wisq Rev. Arcipriet Dun Lawrenz Cachia ha l pusses tal-parrocca taghna, huwa gie mistieden fil–kazin, fejn saritlu laqgha mal-membri kollha, fost sparar u

briju kbir. Fis-17 ta' Marzu 1964, bhal saj.etta fil bnazzi, il-mingel tal newt hasad minn fostna lil l-akbar benefattur ta' dan il-kazin, lis-Sur Filippu Grech, FUNDATUR tal-kazin fuq imsemmi. F'din l-okkazjoni, b'ghafsa ta' qalb, il-banda akkumpanjatu fil-funeral tieghu bil-marci funebri. Kull sena li l-festa ta' San Filep giet trasferita, il-banda dejjem ghamlet marc brijjuz fit-12 ta' MEJJU biex tiffesteggja jum San Filep l-1965 fl-okkazjoni tal-festa zzanznu zewg stendarti, il-wiehed Malti u l-iehor tal-Papa; u fis-sena 1966 izzanznu zewg stendarti ohra, Union Jack u l-Amerikan; dak ta' l-ewwel gie moghti mill-Kummissarju Gholi Ingliz u l-iehor mis-Sur Tito Cassar.

Fl-1967, fl-okkazjoni tal-Festi Nazzjonali, il-banda rrapprezentat lil M.B.C. Ass. billi ghamlet Marc u programm fil-Belt Valletta fid-9 ta' Settembru fejn qalghet figura tassew sabiha. Ta' kull sena, il kumitat dejjem haseb biex fiz-zmien ferriehi tal-Milied iferrah lil-ulied il-membri, billi jorganizza l-Christmas Party. Kemm ilu wieqaf, dan il-kazin ha hsieb Sciortino Street u fil-festa din tigi armata b'40 bandalora semplici imma sbieh fi -ghajn, migbura mill-membri tal-istess kazin u ha hsieb ukoll id-dwal sabieh li tkun armata bihom din it-triq, taht id-direzzjoni ghaqlija tas-Sur Salvino Magro.

## Irhama Kommemorativa

*F'GHELUQ IL-X SENA*
*MIT-TWAQQIF*
*TAT-12TH MAY BAND & SOCIAL CLUB*
*MIS-SUR FILIPPU GRECH*
*IL-KUMITAT RIED JIKKONSAGRA IL-KAZIN*
*LILL-QLUB INQADDSA TA' GESU U TA' MARIJA*
*FIL-PREZENZA TAL-AWTORITAJIET*
*EKKLEZJASTICI U CIVILI*
*KLERU W POPLU*
*ZEBBUGI*

*Zebbug 1961 - 1971* *Il-Kumitat*

Book your Wedding Photo
at

AGIUS PHOTO STUDIOS

**Flash Sets & Cine Films Taken by Appointment**

Enlargement Given Free
with each Set of Flash

**30, St Sebastian Str,** **136a Pawla Str,**
**Qormi** **Pawla**
**Tel. 23811** **Tel 26270**

*No Connection With*
*Any Other Firm*

*It-12th May Band & Social*
*Club ZEBBUG*

TOFFRI SALA

sabieha u spazjuza
ghal-Kwalunkwe

ATTIVITA

Bhal-

**Tigijiet - Parties**
etc.

PREZZ MODERAT

*Irrikorru Ghand*
Is-SEGRETARJU
jew
Cempel 40545

The oldest group of Banks in Malta

# The National Bank of Malta Ltd

incorporating

## Sciclunas Bank

(with Branches in many parts of the Island)

## Tagliaferro Bank Ltd

Correspondents in all parts of the World

All banking transactions executed

Head Office: Valletta - Malta.

## FL'GHAXAR ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAT-12th May Band & Social Club

Ghaxar snin ghaddew bhal holma
Mindu ahna ltqajna hawn gew,
Naraw x'jista, wiehed jaghmel
Biex il-festa nqajjmu sew.

Fik, naghqadna, u 'ssahhahna,
Qlubna twahhdu f'ta' xulxin
Biex il-festa ta' SAN FILEP
Inkabbru minn da' il-kazin.

Milli jidher hsiebna rnexxa,
'l-festa kibret kull na jmur;
Dan kien dejjem il-hsieb taghna,
Wisq izjed tal-FUNDATUR.

Mela, huti inheggigkom
Sabiex nibqghu maghqudin;
Nahdmu dejjem u nirsistu,
Nkunu VERI ZEBBUGIN.

Ejjew mela nahsbu kmieni
Biex inrawwmu lic-ckejknin;
Intellghuhom tfal qalbiena,
Ulied xierqa tal-kazin.

Ej' nizirghu gewwa qlubhom
Imhabba, ghalina tkun unur,
Lejn il-festa ta' San FILEP,
IX-XEWQA TAL-FUNDATUR.

23/3/71 Philip Chircop

## Lit-12th May Band & Social Club

### Fl-Ghaxar Anniversarju mit-Twaqqif tieghu.

Jekk harsti nitfa' ghaxar snin lura,
Nilmhek art mghoxa ma' tiswa xejn;
Imma 'llum nilmhek ta' l-isbah sura,
Tahdem, tirsisti b'dirghajk it-tnejn.

Ghalkemm il-medda zghira tas-snin,
Minn mindu twieled dan il-Kazin,
Ix-xoghol ghal-Festa ma tkejjlu b'xejn;
Xoghol dejjem sejjer, minn tnejn sa tnejn.

Ta' spiss, bil-hsejjes tal-istrumenti
Xi hbieb jiltaqghu, jdoqqu kuntenti;
Jew hsejjes ohra ta' mazza twila
Ma xi hbieb ohra jobormu l-ftila.

Xoghol ta kull xorta qatt ma jitlesta
Jekk mhux ftit granet qabel il-festa;
U kif din tghaddi jergghu jibdew,
Qishom bhall magni, qatt ma jghejjew.

Bit-thabrik taghhom tinduna x'gej;
VIVA SAN FILEP U TAT-12th MAY.

23/3/71 Philip Chircop.

# T A Z Z I



Parti minn dawn it-tazzi gew migbura mill-ammiraturi tal-Kazin, ohrajn migbura bis sold b'inizjattiva tas-Sur Eman. Chircop u ohrajn moghtija lis-socjeta' minn dawn is-Sinjuri:–

Alfred Ph. Caruana, Salvino Magro, Emanuel Bonello, Nikola Calleja, Antonio Pace, u mill-Kantanti Zebbugin Mary Rose Mallia u Vanna Bugelli.

It-tajr gie rregalat minn kaccaturi membri tas-Socjeta'.

L-arlogg gie rregalat minn ammiratur.


New
SPEL
65
SPEL 65
for DOUBLE Brightening Power
for the
brighte
-with
-EXPORT
CO OP
CO OP




*Peresso Press, 171, Merchants Street, Valletta.*